MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 60/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Rhouni Joussef**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Rhouni Joussef talli fix-xhur ta’ Ottubru 2007, Novembru 2007, Dicembru 2007 u Jannar 2008, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b’rizoluzzjoni wahda, naqas li jaghti l-manteniment lil martu Romina Calleja li jikkonsisti €46.59 (Lm20) fil-gimgha bhala manteniment ghal minuri bi ksur tal-kuntratt nutarili datat 27 ta’ Ottubru 2005 quddiem in-Nutar Robert Aquilina ;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-23 ta’ Frar 2009 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi Rhouni Joussef hati ta’ l-imputazzjoni kif dedotta u kkundannatu xahar detenzjoni;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Rhouni Joussefipprezentat fis-26 ta’ Frar 2009 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tikkonferma l-htija ta’ l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, izda taghti piena aktar ekwa u gusta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant jirrigwarda l-piena li huwa jqis bhala esagerata. Jghid li huwa fi stat ta’ impossibilita` li jhallas u ma kienx gwidat dwar id-drittijiet tieghu li jaghmel rikors quddiem il-Qorti tal-Familja biex il-kuntratt ta’ separazzjoni jigi rivedut minhabba tibdil fic-cirkostanzi. L-appellant isostni illi d-detenzjoni mhijex se ssolvi l-problema izda se taggravaha.

Nonostante tali lmenti pero` jirrizulta mix-xiehda ta’ mart l-appellant Romina Calleja fis-seduta tallum stess illi l-appellant hallas dak kollu li kien dovut lilha u aktar.

Issa, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Publius Said** deciz fid-9 ta’ Lulju 2003 u f’diversi sentenzi sussegwenti:

**“l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il--kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti u osservati skrupolozament.”**

Konsegwentement ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal xahar detenzjoni u minflok tikkundannah ghall-hlas ta’ *ammenda* ta’ tmienja u hamsin euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€58.23), u tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------